# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2302

Każ Nru. 3137/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Jean Pierre Camilleri

u

Arriva Malta Limited, u b'Digriet tat-12 ta' Marzu 2014 dan għandu jiġi sostitwit għal Malta Public Transport Services (Operations) Ltd

Data: 6 ta' Awwissu 2014

*dwar tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors magħmul mill-Avukati David Camilleri u Joseph Gatt fis-27 ta' Ġunju 2013 f'isem Jean Pierre Camilleri fejn ġie allegat li dan kien ġie inġustament liċenzjat fis-6 ta' Mejju 2013 minn mas-Soċjetà Arriva Malta Limited. Is-Soċjetà Intimata, li kienet rappreżentata minn Christine Camilleri, *HR Director*, assistita mill-Avv Karl Briffa, innegat dan. Inżammu hdax il-seduta. Mit-12 ta' Marzu 2014. Malta Transport Services (Operations) Ltd assumiet ir-responsibbiltajiet tas-Soċjetà Ntimata.

A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-Każ jinstama' u jinqata fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Att.

## 2. Fatti tal-Każ

Fil-21 ta' Marzu 2013 ir-Rikorrent kien preżentat b'ittra ta' *Charge* mis-Soċjetà Intimata li kienet qed tallega li passi dixxiplinarji kienu se jittieħdu kontrih minħabba allegati irregolaritajiet fil-biljetti tan-nollijiet u mhux maħruġin skond il-proċeduri. Sussegwentement saru laqgħat tad-dixxiplina u fis-6 ta' Mejju 2013 intbgħatitlu ittra minn Joyce Cassar li peress li kien instagħab ħati ta' mġieba ħażina serja kien qed jiġi liċenżjat. Huwa appella minn din id-deċiżjoni u fil-11 ta' Ġunju 2013 Kim Purcell, *Operations Director*, tas-Soċjetà Ntimata infurmatu li l-Appell tiegħu ma kienx ġie aċċettat u għaldaqstant ikkonfermat id-deċizjoni ta' liċenzjament.

Ir-Rikorrent jirritjeni li huwa dejjem mexa' skond il-proċeduri tas-Soċjetà Ntimata għal dak li jirrigwarda biljetti kanċellati. Jgħid li kien jiddepożita l-*envelopes* bil-karta li toħroġ mill-makna ta' fuq ix-xarabanks li turi l-ammont ta' biljetti kanċellati u li din kien iqgħedha f'*envelope* u jiddepositaha fil-makna apposta. Meta talab li jivverifika kemm kien iddeposita *envelopes* ma sagħab l-ebda wieħed. Dan juri li kien hemm żball min-naħa tal-Arriva u għaldaqstant ma kellux ibati l-konsegwenza hu.

Is-Soċjetà Ntimata tgħid illi l-liċenzjament tar-Rikorrent kien għal raġuni tajba u suffiċjenti. Ir-Rikorrent allegatament kien joħroġ numru sostanzjali u eċċezzjonali ta' biljetti kanċellati u dan kien jaffettwa r-rikavat tas-Soċjetà Intimata u saħansitra r-Rikorrent kien ammetta li kien ikkanċella b'mod irregolari u daħħal flus minn numru ta' biljetti li ma ddepositax kif suppost. Dan kien jikkostitwixxi imġieba ħażina u gravi. Tgħid ukoll illi r-Rikorrent kien ġa ingħata twissija finali bil-miktub wara li naqas li jiddepożita somom konsiderevoli ta' flus mill-bejgħ ta' biljetti, għad li eventwalment kien ħallashom.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Li jrid jiddeċidi t-Tribunal huwa jekk ir-Rikorrent kienx ħati ta' dak li ġie addebitat lilu mis-Soċjetà Intimata u jekk iva kienx dan serju biżżejjed biex tingħatalu s-sanzjoni estrema ta' tkeċċija. Ir-Rikorrent jibbaza t-teżi tiegħu fuq il-fatt li meta mar jeżamina il-boroż biex isib l-*envelopes* tiegħu li kienu juru li huwa irreġistra l-fatt li kien ta rendikont tal-biljetti kanċellati, u għaldaqstant ma ħax għalih il-flus relevanti, dawn ma sabhomx u fil-fatt ma sagħab l-ebda *envelope* tiegħu fil-boroż li fittex. Mill-banda l-oħra huwa ammetta ma' Alex Grech, li

*Standard Service Manager* tal-Arriva, li kien fil-fatt ħa l-flus (Seduta tad-9 ta' Ottubru 2013 fol. 22-23). Dana fil-fatt ma kienx kontradett mir-Rikorrent, li baqa' jinsisti li meta mar jeżamina l-boroż li fihom suppost kien hemm l-*envelopes* ma sagħab l-ebda wieħed. Għat-Tribunal l-ammissjoni hija biżżejjed biex tneħħi kull dubju. S'intendi ma jistgħax jiġi stabbilit l-ammont li r-Rikorrent żamm għalih għax baqa' jinsisti mas-sur Alex Grech illi fin-numru ta' biljetti kanċellati kien hemm ammont ġenwin. Fil-fehma tat-Tribunal l-ammont li allegatament daħħal f'butu r-Rikorrent mhuwiex daqshekk importanti għas-sempliċi raġuni li r-Rikorrent kellu twissija finali li ngħatatlu qabel propju fuq akkuża simili. Kieku kien qed jiġi akkużat l-ewwel darba t-Tribunal kien jidħol fil-fond biex jara jekk l-ammont kienx tali li jistħoqq is-sanżjoni ta' tkeċċija, voldieri kien jara skond it-test tas-suffecjenza kienx hemm raġuni valida għal liċenzjament. It-twissija maħruġa fit-28 ta' Jannar 2013 hija waħda finali (ippreżentata minn Christine Camilleri fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013) u hija aċċettata u ffirmata mir-Rikorrent. Għaldaqstant ir-Rikorrent kellu fuqu l-piż ta' twissija finali u kien jaf tajjeb li kien suġġett għat-tkeċċija f'każ li jikkometti nuqqas ieħor li jirrigwarda l-flus tal-prinċipal tiegħu.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Jean Paul Camilleri mis-Soċjetà Intimata Arriva Malta Limited kienet għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet pagabbli lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja